Fit-Tribunal Tal-Konsumatur

David Spiteri

Vs

David Farrugia – Farell Bathrooms

CCT 187/22/MM

Illum, 14 ta' Mejju 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2022 fejn talab is-somma ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350) rappreżentanti depożitu li huwa ħallas lill-intimat għall-żewġ mirja, li waħda minnhom qatt ma waslet għandu.

Ra illi l-intimat, debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh, ma daħħal l-ebda risposta iżda fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023, l-intimat David Farrugia deher u xehed bil-ġurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

It-Tribunal jinnota li l-intimat ma ppreżentax risposta u għalhekk huwa kontumaċi. Illi fuq tema legali, l-Qorti tal-Appell Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et v. Middle Sea Valletta Life Assurance**, deċiża fid-29 ta' Jannar 2005 ingħad *"L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba da parti tal-attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa għall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Maż-żmien il-qrati Maltin iddeċidew li r-rigorozita` tal-proċedura għandha tiġi*

mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għall-ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata. Di fatti l-ġurisprudenza interpretattiva stabbiliet ċertu fatturi li jirrendu l-kontumaċja mhux ġustifikabbli. Dawn huma fil-każ li l-kontumacja: kienet volontarja jew kolpuża; jew priva minn kawża ġusta; jew mankanza ta' impediment legittimu da parti tal-imħarrek li kien poġġa lill-istess fl-impossibilita` jew f'diffikulta` gravi li jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu; jew ma kienx każ ta' żball invinċibbli."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Market Handle Limited (C-49546) vs. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited (C – 17421); Elaine Sant Galea u Alfa Company Limited** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar 2012, ingħad li *"Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, waħda morali".* (Ara wkoll App. Ċiv: 12.12.1975 fil-kawża fl-imsijiet **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi**; u l-kawża fl-ismijiet **Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 1995).

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Beacom vs Spiteri Staines** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 1993 (Kollez. Vol: LXXVII.iii.195) ingħad *"Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma*

ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha. (Ara wkoll il-kawża fl-ismijiet **Francis Cutajar et vs Mariano Farruġia et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2011).

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent qiegħad jitlob rifużjoni tas-somma ta' ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350) rappreżentanti depożitu li huwa ħallas lill-intimat għall-żewġ mirja, li waħda minnhom qatt ma waslet għandu.

Illi r-rikorrenti xehed u preżenta prova dokumentarja li permezz tagħha huwa spjega fid-dettal ir-raġunijiet li waslu biex jitlob rifużjoni tal-flus li ħallas bħala depożitu. Illi r-rikorrenti jispjega li huwa kien ordna żewġ mirja għall-prezz globali ta' sitt mija u ħamsa u erbgħin ewro (€645) iżda stante li waħda mill-mirja waslet, huwa qiegħad jitlob rifużjoni ta' mera waħda biss, li l-prezz tagħha kien ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350).

Ra illi l-intimat, debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh, ma daħħal l-ebda risposta iżda fis-seduta 20 ta' Ġunju 2023, l-intimat David Farrugia deher u xehed bil-ġurament, u għamel is-sottomissjonijiet tiegħu. Illi l-intimat spjega li l-ordni saret f' Marzu 2022, u kien ta lir-rikorrent an estimated time of delivery ta' xahrejn. Jgħid li r-rikorrenti ikanċella l-ordni f'Ottubru 2022 u l-mera waslet f'Novembru 2022. Illi l-argument uniku tal-intimat huwa li l-mera damet biex waslet minħabba l-effetti tal-COVID 19. L-intimat jagħmel referenza għat-terms and conditions li jistipulaw li ġjaladarba l-klijent jikanċella l-ordni wara li l-materjal ikun ordnat, il-klijent għandu jħallas il-prezz sħiħ u ma jistax jingħata rifużjoni.

Illi l-intimat naqas li jippreżenta kwalsiasi evidenza biex jissostanza id-difiża tiegħu li d-dewmien kien dovut għall-COVID-19. Kien jispetta lill-intimat li jresssq provi tajbin u

suffiċjenti biex jikkonvinċi lit-Tribunal li l-ordni damet ma waslet minħabba ċirkostanzi li ma kienux fil-kontroll tiegħu. Illi f'dan ir-rigward, l-intimat naqas li mqar jippreżenta xi forma ta' komunikazzjoni mingħand is-supplier li jikkonferma li d-dewmien kien minħabba interuzzjonijiet u tfixkil fil-katina tal-provvista. Illi lanqas inġabet il-prova li l-mera verament waslet għand l-intimat f'Novembru 2022 u lanqas inġiebet il-prova li saret xi komunikazzjoni jew xi tip ta' tentattiv mar-rikorrent biex joffrilu l-mera li allegatament kienet waslet ftit taż-żmien wara li r-rikorrenti kien ikanċella l-ordni gtit tal-ġranet qabel, fl-24 t'Ottubru 2022.

Illi hgħalhekk jirrizulta lit-Tribunal illi kien hemm dewmien fl-ezekuzzjoni tal-ordni u ghalhekk trid tezamina min kien responsabbli ghal dan id-dewmien. Minn ezami tad-dokumenti ezibiti u mix-xhieda prodotta, it-Tribunal huwa tal-fehma illi dan id-dewmien kien dovut unikament u esklussivament għall-intimat u ma jarax għaliex m'għandux jagħddi biex jilqa' t-talba.

Deċiżjoni

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal jilqa t-talba rikorrenti u jordna lill-intimat jirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350) rappreżentanti l-ħlas li huwa ħallas lill-intimat għall-mera li qatt ma waslet għandu, fi żmien ġimgħa mil llum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu ta' l-intimat.

Avv Dr Martha Mifsud

Arbitru